## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 496/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony D'Alfonso**

Seduta tad-29 ta' April, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Anthony D'Alfonso, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 633554M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Ġunju, 2016 u l-ġranet ta' wara din id-data fil-fond 83, Triq Ħal-Qormi, Santa Venera, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil Jane D'Alfonso tħallas dejn jew tesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lill-istess fil-pussess ta' ħwejjigha, jew ħatt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjigha u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-17 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor sa żmien sena. Ordnat ukoll lill-imputat jgħaddi kopja taċ-ċavetta tad-dar 83, ġo Triq Ħal-Qormi, Santa Venera lil Jane D'Alfonso sa żmien xahar mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony D'Alfonso ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti "*jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza tas-17 t'Ottubru, 2016 fl-ismijiet fuq premessi fejn l-appellant instab ħati ta' l-erba'* [sic'] *akkużi dedotti fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena*".

Semghet ix-xhieda;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

**Ikkunsidrat**

1. L-ewwel osservazzjoni tal-Qorti hi diretta lejn it-talba tal-appellant ghat-thassir tas-sentenza kwantu instab hati tal-"erba akkuzi". Naturalment dan huwa lapsus ghaliex fil-konfront tal-imputat kien hemm biss imputazzjoni wahda. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief testendi d-decizzjoni taghha fuq l-imputazzjoni singolari migjuba kontra tieghu;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra jehtieg li l-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-appellant fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2018 li biha osserva illi l-ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi li tieghu instab hati kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. L-appellant rrileva li s-sentenza appellata ma tindikax l-artikolu tal-liġi li bih nstab ħati l-appellant kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kap 9. F'dan il-kaz kellu jkun indikat l-artikolu 85 tal-Kap 9. Dwar dan, l-Avukat Generali wiegeb illi l-artikolu 85 li tiegħu nstab ħati l-appellant kien indikat mill-Qorti meta rrakkontat il-fatti fl-inizju tas-sentenza;

3. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-osservazzjoni tal-Avukat Generali. Meta l-ewwel Qorti qalet x'kienu l-fatti fil-qosor, rreplikat dak li bih il-prosekuzzjoni xliet lill-imputat. Sa hemm l-ewwel Qorti kienet in pjena konformita' mal-artikolu 382 tal-Kap 9 izda wara li ddikjarat li kienet qed issib lill-imputat hati, naqset milli tindika dak l-artikolu relevanti tal-ligi kif jitlob l-artikolu 382. Il-gurisprudenza in rigward hija wahda kopjuza u ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tinoltra aktar hlief li tikkonferma illi s-sentenza hija karenti fl-osservanza ta' formalita' essenzjali ghall-validita' taghha meta

ma tindikax dak l-artikolu tal-ligi li dwaru instabet htija. Ghalhekk tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett;

4. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali, Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) li, izda u naturalment, mhix applikabbli ghall-kaz odjern It-tielet effett hu li l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

5. Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi liema kaz jitratta fis-semplicita' tieghu dwar allegat tfixkil da parti tal-imputat fil-pussess ta' hwejjeg tal-kwerelanta meta, skond hi, biddel is-sallatura tal-fond matrimonjali u ma setghetx tidhol fih kif kienet taghmel qabel;

6. Issa, kif inghad *supra,* l-aggravji tal-appellant f'dan l-istadju tal-proceduri jitqiesu bhala sottomissjonijiet li allura jitqiesu li huma erbgha la darba l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'erba' aggravji, u stante li t-tieni wiehed huwa ta' natura procedurali u jitqies bhala eccezzjoni jokkorri li tkun deciza qabel l-osservazzjonijiet l-ohra stante li jekk akkolta ma jkunx hemm htiega ta' decizjoni fuq il-gravami, ossia osservazzjonijiet l-ohra. F'din l-eccezzjoni l-appellant josserva illi d-dettalji dwar iz-zmien li fih kien allegatament kommess ir-reat ma jissodisfawx ir-rekwizit tal-ligi kif ipotizzat fl-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9. Dan is-subartikolu jipprovdi hekk:

> **360 (2) Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw**.

7. Il-parti rilevanti tal-komparixxi li ghaliha jaghmel referenza l-appellant taqra hekk: "**Billi inti akkuzat talli fis-27.06.2016 u il-granet ta' wara din id-data...**" . Isostni l-appellant illi l-kliem 'fil-ġranet ta' wara din id-data' ma jissodisfax l-vot fl-artikolu 360(2) tal-Kap 9 f'dik il-parti fejn tgħid li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha 'il-partikolaritajiet taż-żmien' ghaliex il-Prosekuzzjoni għażlet li tindika biss data u ħin partikolari u ħalliet għall-immaġinazzjoni tal-Qorti u tal-appellant d-dati l-oħra li fihom ġie kommess dan ir-reat u b'hekk iċ-ċitazzjoni hija nieqsa mid-dettalji meħtieġa dwar dati oħra li fihom seħħ dan l-allegat reat;

8. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi bil-mod kif redatta c-citazzjoni ghandu jiftiehem biss illi r-rejat sehh bejn is-27 ta' Gunju u l-granet ta' wara li naturalment ma jistawx jeccedu d-data ta' meta nharget ic-citazzjoni u f'dan il-kaz id-data ta' meta l-kwerelanta ghamlet ir-rapport taghha lill-Pulizija meta sabet is-sallatura mibdula li f'dan il-kaz, kif ser jirrizulta aktar 'l isfel hija l-5 ta' Lulju, 2016. Illi ghalhekk dak kollu li sehh bejn is-27 ta' Gunju u l-5 ta' Lulju huwa prosegwibbli fil-konfront tal-imputat. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun michuda;

9. L-osservazzjonijiet l-ohra tal-imputat jirrikjedu ezami tal-provi li huma s-segwenti. Minn affidavit ta' PS267 jirrizulta illi fil-5 ta' Lulju, 2016, Jane D'Alfonso kienet rrikorriet l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun biex tirraporta li zewgha kien biddel is-sellatura tal-bieb ta' barra tad-dar matrimonjali mis-27 ta' Gunju 2016. Mid-deposizzjonijiet mismugha minn din il-Qorti jemergi illi bejn il-partijiet hemm pendenti proceduri ta' separazzjoni personali u din hija l-kawza tal-bdil tas-sellatura kif ser jinghad aktar 'l isfel;

10. Quddiem din il-Qorti, l-kwerelanta xehedet illi f'dak iz-zmien kienet qed tghix 'l hinn mid-dar matrimonjali, proprju faccata. Fid-dar matrimonjali kellha xi hwejjeg u xi fniek li kienet tmur titma matul il-jum. L-ahhar li accediet kien fis-27 ta' Gunju, 2016 izda l-ghada ma setghetx tidhol ghaliex is-sellatura tal-bieb kienet inbidlet u baqghet sejra l-ghassa tal-pulizija;

11. L-imputat xehed illi hu u martu kienu jghixu flimkien sas-sena 2013 izda wara li talab separazzjoni hu baqa' jghix fid-dar matrimonjali u martu, l-kwerelanta, xtrat dar faccata

tieghu. Jghid li martu kienet tigi d-dar biex titma l-fniek izda kien isib hmieg, ilma mahmug tal-fniek fil-kamra tal-banju, l-ghamara ghasra bl-ilma u ghandu saqaf bix-xibka maqlugha minhabba l-ingress tal-ilma. Kien isib ukoll wirdien u dan kollu tort ta' martu u meta ma setax jissaporti aktar biddel is-sellatura;

12. Illi ghalhekk huwa palezi li r-raguni ghaliex l-kwerelanta ma setghetx tidhol fil-fond kienet unikament dovuta ghall-imputat li biddel is-sellatura proprju sabiex martu ma tkunx tista' tidhol aktar hemmhekk. Issa kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

13. Mill-provi akkolti jirrizulta manifest illi kien hemm l-att estern tas-suggett konsistenti fil-bdil tas-sellatura li kellu l-effett li jimpedixxi lill-kwerelanta milli taccedi fil-fond u li dan sar minghajr il-kunsens taghha. L-imputat ghamel hekk ghaliex emmen li kellu dan id-dritt kif ukoll illi kien xjenti li kien qed jaghmel hekk sabiex jippriva lill-parti l-ohra mid-dritt. Oltre dan, l-agir tieghu ma jinkwadrax f'ipotezi ta' rejat iehor. Illi b'hekk jirrizultaw sia l-element intenzjonali kif ukoll dak materjali kif ravvizati fl-ingredjenti appena elenkati. Bil-bdil tas-sellatura kien hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixxklu mill-godiment jew pussess tal-haga. Skond il-Carrara –

*"L atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispette di che non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale" (*Prog Parte Speciale Vol 5 para 2850). Jemergi mill-provi akkwiziti illi l-kwerelanta kellha d-dritt tabita fil-fond in kwistjoni anke wara li l-imptuat ghamel talbiet appoziti fil-Qorti Civili sabiex jeskludi lill-martu mill-godiment tad-dar matrimonjali;

14. Illi ghalhekk ukoll l-ewwel, it-tielet u r-raba' osservazzjoni tal-imputat fir-rikors tal-appell tieghu ma jirrizultawx meta jghid illi: 1) ma tistax tinsab htija ghaliex il-provi tal-prosekuzzjoni juru li l-kwerelanta kellha access fid-data inkriminata; 3) l-kwerelanta ma kienitx imcahhda mill-access fid-dati li dwarhom sar ir-rapport; u 4) ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti sabiex jirrizulta r-reat kontemplat taht l-artikolu 85 tal-Kap 9, u dan ghal-kunsiderazzjonijiet maghmula supra;

15. Ghal dawn il-motivi qed ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu;

16. Wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u wara li rat il-fedina penali tal-imputat, u tenut kont li llum il-gurnata, l-partijiet qieghdin jirrisjedu separatament tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €150. Wara li l-Qorti staqsiet lill-kwerelanta jekk ghadx ghandha pretensjoni ta' xi dritt fuq il-fond in kwisjtoni u wiegbet fin-negattiv, tastjeni milli taghmel ordni sabiex l-imputat jghaddi kopja tac-cavetta lill-kwerelanta.